ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA IL-MALTI L-ISKEMA TAL- MARKI

				Il-Marka
	Il-Fehim mis-Smigħ: Da Vinci u l-Mona Lisa (ma jitnaqqsux marki għal żbalji ortografiċi)			**10 marki**
	Taħriġ A:			
a.	**Waħda minn**: xjenza, inġinerija, arti jew letteratura.			**marka**
b.	negozjant tal-ħarir			**marka**
ċ.	Il-ħalliel xtaq li l-pittura tittieħed l-Italja u ssir proprjetà tal-pajjiż.			**marka**
d.	Għax kien hedded li tinħaraq il-pittura.			**marka**
e.	Qiegħda f'kamra għaliha.			**marka**
	Taħriġ B:			
a.	is-sena tat-twelid ta' Leonardo da Vinci			**marka**
b.	67 sena			**marka**
ċ.	is-sena meta l-pittura żaret (ittieħdet) l-Istati Uniti tal-Amerika			**marka**
d.	1974			**marka**
e.	numru ta' oġġetti antiki u prezzjużi fil-mużew tal-Louvre			**marka**
	Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari			**20 marka**
1.	*Aċċetta tweġibiet (titli) varji li jagħmlu sens.*			**marka**
2.	i. Ġanni			**marka**
3.	għax kien ikollhom ħafna xogħol (marbut mar-raba') / biex jeħilsu mill-qilla tax-xemx			**marka**
4.	• it-tpespis tal-għasafar • is-serduk jidden (l-għanja tas-serduk)			**marka** **marka**
5.	Għax ma kienx għadu jiflaħ għax-xogħol iebes tal-għalqa.			**marka**
6.	Biex ikollu fiex jgħaddi ż-żmien / ma kienx jissaporti ma jagħmel xejn.			**marka**
7.	Ġanni ma tantx kien iħobb ibakkar (iqum kmieni).			**marka**
8.	għall-ġenituri tiegħu			**marka**
9.	kafè u xi kagħkiet tal-ġunġlien.			**marka**
10.	"Ilbieraħ kien jum ta' ġenn u bilkemm kellmuh u ferħu bih" jew "Dejjem isemmuk miegħi, ibni" jew "Jieħdu pjaċir bik żgur."			**marka**
11.	Iżżewġu u għandhom il-familja.			**marka**
12.	**a.** ibakkar	**b.** qaribu	**ċ.** jixriflu	**3 marki**
13.	**a. ii.** inħasel fuq fuq	**b. iii.** jiflaħ u għad jgħix ħafna	**ċ. i.** iżomm ruħu attiv	**3 marki**

	MARKI GĦALL-ORTOGRAFIJA / PUNTEĠĠJATURA		
	It-tweġibiet kollha fihom **aktar minn 3 żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura.	**0**	**2 marki**
	It-tweġibiet kollha ma fihomx **aktar minn 2 żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura.	**1**	
	It-tweġibiet kollha **m'għandhomx żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura.	**2**	

	Il-Metalingwa **(F'din it-taqsima, jekk f'xi tweġiba l-istudenti jkollhom żball ortografiku, ma jeħdux il-marka allokata.)**	**10 marki**
1.	lil erbgħa ma kinitx / ma kinetx l-itjeb	**marka** **marka** **marka** **marka**
2.	**a.** Domt **<u>ġimgħatejn</u>** nistenna l-logħba li xtrajt mill-Ingilterra. / **ġimagħtejn**	**3 marki** (tingħata nofs marka għal kull żball indikat u nofs marka oħra għall-kelma miktuba tajba)
	b. In-nanna qagħdet **<u>tfhemni</u>** kif tagħmel iz-zalza tal-għaġin. / **tfehemni**	
	ċ. **<u>Minn</u>**-naħa tagħna xorta kellna nħallsu tliet ewro. / **Min-**	
3.	Aiden staqsa lil **M**auro**, "**Fi x'ħin sejjer il-grawnd**?"** Mauro stagħġeb u qallu, **"**Kemm qed nieħu pjaċir li ġej magħna**!"**	**3 marki** (tingħata nofs marka għal kull sinjal tal-punteġġjatura)
	Taqsima B: Il-Kitba (Ara t-tabella tal-assessjar f'paġna 4.)	**25 marka**
	Taqsima Ċ: IL-Letteratura (Il-Poeżija u l-Proża)	**20 marka**
	IL-POEŻIJA	**10 marki**
1.	**ii.** poeżija tradizzjonali	**marka**
2.	9 sillabi novenarji	**marka** **marka**
3.	"sultana fuq saltna ta' skiet"	**marka**
	Il-poeta ried jesprimi s-seħer tal-għasfur anke jekk ma tantx iħobb jidher. *(Aċċetta tweġibiet oħra li jagħmlu sens.)*	**marka**
4.	***WAĦDA** minn:* Nisimgħek, ja tajra tas-sema, nisimgħek u nimraħ fil-ħsieb (vv. 9-10) bil-għerf li ma ssib fl-ebda ktieb: bil-għerf li jinfexx fl-isbaħ għana (vv. 12-13)	**marka**
	Fiż-żewġ eżempji l-poeta qiegħed jenfasizza s-seħer tal-għasfur u l-attenzjoni tal-poeta fuqu. *(Aċċetta tweġibiet oħra li jagħmlu sens.)*	**marka**

5.	Il-poeta jissaħħar bl-għanja unika ta' dan l-għasfur li ssebbaħ il-ħolqien u tqawwih, tant li qed jistieden lill-qarrej biex jerġa' jisma' din l-għanja. Jagħraf ukoll l-għerf li bih hu mżejjen l-għasfur tant li skont il-poeta jnissel kuraġġ fi ħlejjaq oħra u ċertu serħan f'ħajjet u f'qalb il-poeta. Anke l-bidwi jidra l-għanja tiegħu u hu wkoll jibda jagħmel bħalu waqt li jistenna ż-żmien tal-frott (il-ħsad). *Aċċetta tweġibiet oħra basta jkunu meħuda mill-poeżija u qassam il-marki skont l-ideat.*	**3 marki**
	Il-PROŻA	**10 marki**
1.	*Aċċetta titli varji li jagħmlu sens.*	**marka**
2.	Il-fjuri dehru ***"mxaħxħa"*** (kuntenti / rilassati) qalb il-ħaxix waqt li jħarsu lejn xulxin (***"ħarsu skantati"***) biex jippruvaw jifhmu x'kien ġara. Sadanittant il-pitirross qed ikellimhom daqslikieku kienu bnedmin (***"imisskom tiżfnu bil-ferħ"***). Il-fjuri ***"baqgħu ċassi"* ... *"ma jafux għandhomx jifirħu jew jitnikktu"***. *(Agħti marka waħda jekk ma jinkitbux kwotazzjonijiet.)*	**2 marki**
3.	jzekzek	**marka**
4.	L-awtur isemmi diversi mezzi ta' trasport (*"il-karozzi u l-muturi, it-trakkijiet u x-xarabanks"*) li lkoll kienu jgħaddu minn mar-roundabout. Barra minn hekk hu jsemmi l-kwantità ta' ħsejjes (*"magna infernali"*) flimkien man-nugrufun li jħallu warajhom.	**marka**
5.	Minħabba l-fatt li l-fjuri kien immishom jifirħu għax: • mhux qed jisimgħu ħsejjes ta' magni iktar, • mhumiex jimtlew bin-nugrufun, • m'għandhomx għalfejn jibżgħu li xi ħadd jitlef il-kontroll u jidħol jgħaffeġ f'nofshom, • peress li l-bnedmin issakkru ġewwa, il-fjuri jinsabu ħielsa. *(Iż-żewġ marki jingħataw jekk jinkitbu tnejn minn dawn ir-raġunijiet.)*	**2 marki**
6.	Skont l-awtur il-fjuri xorta waħda baqgħu ma jistgħux jemmnu r-realtà li kienu qed jgħixu fiha peress li dawn kienu ħajjithom kollha mdawra b'kull tip ta' mezz ta' trasport u dak kollu li jġib miegħu. Għalhekk l-awtur qed juża l-metafora *"l-baħħ li jtarrax"* peress li s-skiet li waqa' f'dawk l-inħawi ħadd ma jaf kemm se jdum u għaliex kien preżenti. Jidher li l-għasafar kienu iktar mimlija entużjażmu biex jaħtfu din l-opportunità milli kienu l-fjuri nfushom. *(Aċċetta tweġibiet varji li jagħmlu sens u qassam il-marki skont l-ideat.)*	**3 marki**

It-Tqassim tal-Marki għall-Kitba (25 marka)

IL-ĠENERU (2 marki)			
It-tqassim skont kif jitlob il-ġeneru	**0**	**1**	**2**
	Bla tqassim	Ftit tqassim	It-tqassim kollu mistenni
IL-KONTENUT (13-il marka)			
L-iżvilupp tal-ideat	**0-1**	**2-3**	**4-5**
	Ftit ideat u ripetuti bi ftit rabta mat-tema	Għadd ta' ideat b'xi ripetizzjonijiet u marbuta mat-tema mhux dejjem u għalkollox	Ħafna ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti
Is-sekwenza/koerenza u rabta bejn il-partijiet	**0**	**1**	**2**
	Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix	Ftit rabta minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara	Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba
L-istil	**0**	**1**	
	Bla ebda stil u ma tidhirx li hija kitba	Hemm stil mexxej u li ssegwi tajjeb	
L-espressjoni u l-lessiku	**0**	**1-2**	**3**
	Kitba li ma fihiex espressjonijiet u b'lessiku nieqes	Għadd ta' espressjonijiet u firxa ta' lessiku limitat marbut mat-tema	Kitba mimlija espressjonijiet mexxejja u b'lessiku wiesa'
L-eċċellenza fil-kitba	**0**	**1**	**2**
	Kitba mhux ta' kwalità u oriġinalità	Kitba li tersaq lejn kwalità tajba u l-oriġinalità	Kitba ta' kwalità u oriġinali
IL-METALINGWA (10 marki)			
Il-punteġġjatura	**0**	**1**	**2**
	Bla sinjali bażiċi tal-punteġġjatura	Għadd ta' sinjali bażiċi nieqsa jew użati ħażin	Il-punteġġjatura bażika hija użata tajjeb minkejja xi nuqqasijiet żgħar
Is-sintassi	**0**	**1**	**2**
	Is-sentenzi sempliċi huma nieqsa mill-elementi bażiċi	Użu mħallat tal-binjiet kollha differenti ta' sentenzi bi ftit li xejn żbalji	Użu mħallat tal-binjiet kollha differenti ta' sentenzi bla żbalji
L-ortografija	**0-1**	**2-3**	**4**
	Kitba li fiha bejn 9-12-il żball differenti	Kitba li ma fihiex aktar minn 4-8 żbalji differenti	Kitba li ma fihiex aktar minn 3 żbalji differenti
Il-morfoloġija	**0**	**1**	**2**
	Kitba li fiha ħafna żbalji grammatikali	Kitba li fiha ftit li xejn żbalji grammatikali	Kitba li ma fihiex żbalji grammatikali